# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356)21689168, (0356)21641487
Telefax:(00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.g

Minuti

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Safi

It-tmien Leġiżlatura
Laqgħa Numru 11/2021

24 ta' Novembru, 2021

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Ħal Safi, fis-5:00 pm.

Preżenti:

| | |
|---|---|
| Johan Mula: | Sindku |
| Joanna Abdilla: | Kunsilliera |
| Publio Abdilla: | Kunsillier |
| Mark Cocker | Kunsillier |

Skużat:

| | |
|---|---|
| Francis Callus | Viċi Sindku |

Uffiċċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Doris Baldacchino: | Segretarju Eżekuttiv |

11.0 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

Is-Sindku qara l-ittra tal-apoloġija tal-Viċi-Sindku. Huwa ġie skużat mil-laqgħa.

11.1 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti

Il-Kunsilliera qablu fuq il-Minuti tal-laqgħa preċedenti. Dawn ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

11.1.1 Is-Sindku qal li kellu update ref punt 10.2.7 (kunċert tal-Milied) fejn il-Kunsill ta' Ħal Safi kien wieħed mill-Kunsilli li ser jibbenfikaw minn €5,000 sabiex isir il-kunċert mir-Reġjun Nofsinhar. Is-Sindku qal li l-Kunċert kien ser isir nhar il-Ħamis 30 ta' Diċembru fil-Knisja Parrokjali fejn il-Kunsill ser ikun qiegħed jinvolvi l-għaqdiet kollha tar-raħal biex iwettqu kunċert ta' ċertu livell.

11.1.2 Is-Sindku qal ref punt 10.6.2 (l-ikla tal-anzjani) din is-sena l-ikla ma setgħetx issir fis-sala tal-iskola minħabba li s-sala qegħda tintuża bħala klassijiet u għalhekk din is-sena kien ser ikun jinħtieġ li ssir f'sala oħra jew inkella f'xi restaurant. Huwa qal li l-Kunsill kien ġab stima ta' ikla 3 course meal għal prezz ta €20 kull persuna. Huwa spjega li l-prezz ikun ta' €20 u l-Kunsill jipprovdi t-trasport, rigal żgħir u naħsbu għal entertainment. Il-Kunsill qabel.

11.1.3 Is-Sindku qal li ref punt 10.6.3 (il-Magazin tal-Kunsill) sabiex kulħadd jibgħat il-messaġġ mill-aktar fis possibbli sabiex inkunu nistgħu nlestu l-fuljett.

11.1.4 Is-Sindku qal li ref punt 10.6.4 (l-armar tal-Milied) il-Kunsill kien irnexxielu jġib żewġ kwotazzjonijiet. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għandna naraw x'ser ikun qed joffri l-orħos kwotazzjoni qabel ngħidulu jarma.

11.1.5 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker staqsa jekk kienx hemm xi żviluppi rigward l-ilma tax-xita fi Triq San Pawl. Is-Sindku kkonferma li kien tkellem mal-Perit dwar dan u anke kien staqsa lil persuna mill-Kazin tal-Banda li infurmatu li ma kienx daħal aktar ilma fil-binja.

11.1.6 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker qal ref punt 10.4.6 (zumba u line dancing) li huwa kien sab lil xi ħadd għal line dancing. Huwa qal li min kien inkarigat mil-line dancing kien qallu li kellhom problema minħabba l-post fejn jistgħu jsiru l-lezzjonijiet u staqsa lill-Kunsill jistgħux nibdew nikrulhom is-sala. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li l-Kunsillier għandu jikkomunika magħhom rigward dan.

11.1.7 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa għaliex l-imbarazz fi Triq Xandru Farrugia kien baqa' hemm. Is-Sindku qal li fil-fehma tiegħu kien post privat.

11.1.8 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa kif kienu sejrin il-ħaddiema fil-knis. Is-Sindku kkonferma li l-iskrivan kien għadu jidħol kmieni sabiex itihom ix-xogħolijiet pero' minħabba l-leave li kien fadallhom ix-xogħol diffiċli li kien jidher mil-lum għal għada.

11.2 Komunikazzjoni mis-Sindku

11.2.1 Is-Sindku qal li bħal Kunsilli oħra, l-Kunsill kien qed jiffaċċja problemi bl-iskart riċiklat. Huwa ta' spjegazzjoni x'kien ġara u li l-kuntrattur kien għarraf lil Kunsill li minħabba li l-Kuntrattur ma kienx qed jitħallas mill-Greenpak, dan ma kienx ser jibqa' jagħti s-servizz ta' kull nhar ta' Tlieta jiġifieri tal-iskart riċiklat mill-ewwel ta' Diċembru jekk kien se jibqa' ma jiehu ebda hlas mill-Greenpak.

11.2.2 Is-Sindku fakkar li l-Ħadd ta' wara l-laqgħa kienet ser tiġi organizzata l-5K minn Rush Atletics Club bħal snin preċedenti. Is-Sindku spjega li din is-sena minflok li nisponsorjawlhom it-trophies, huma kienu qed jitolbu flixken tal-ilma. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li nixtrulhom b'100 Euro flixken tal-ilma.

11.2.3 Is-Sindku qal li kien irċieva komunikazzjoni mingħand coach li qiegħed jieħu ħsieb proġett Fun Fit Football. Spjega li din hija inizjattiva' bejn il-Malta Football Association u l-Ministeru ghal-Edukazzjoni. Għal dan il-proġett kien jixtieq li jagħmel użu mill-football grawnd tal-Kunsill. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li jintuża l-grawnd.

11.2.4 Is-Sindku qal li parti sostanzjali mill-ħajt tas-sejjieħ ta' ġewwa tal-Ġnien Sir Alexander Ball kien waqa' bil-maltemp. Huwa spjega l-ħsarat u l-kawża tal-ħsarat. Is-Sindku qal li l-Kunsill diġa' kien iltaqa' mal-Perit li kien qed jissuġġerixxi li nindirizzaw il-ħsarat mill-aktar fis possibbli għaliex kien hemm ir-riskju li minħabba l-maltemp kbir li qed jagħmel bħalissa, il-hajt jista' jkompli jaqa' aktar. Is-Sindku ippreżenta żewġ kwotazzjonijiet sabiex isiru x-xogħolijiet u ssuġġerixxa li peress li l-prezz huwa aktar minn ħamest elef Euro l-Kunsill jagħmel talba lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex noħorġu Direct Order għaliex ma kienx hemm żmien biex noħorġu kuntratt bl-epps. Il-Kunsill iddiskuta u qabel fuq ssuġġeriment tal-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla li l-Kunsill jiċċekja jekk jistax japplika għal xi tipi ta' fondi minħabba li l-ħsarat li ġew ikkaġunati bil-maltemp u f'kaz li jkun fin-negattiv allura l-Kunsill għandu jmexxi bit-talba għal direct order mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

11.2.5 Il-Kunsill iddiskuta meta kienet l-aħjar ġurnata sabiex isir il-Christmas Dinner. Il-Kunsilliera iddiskutew u qablu li l-21 ta' Diċembru jew inkella t-22 ta' Diċembru.

Is-Sindku qal li l-Kunsill kien għadda l-lista' ta' nies li llum m'għadhomx joħorġu mid-dar. Huma iddiskutew il-lista u qablu fuq l-ismijiet.

11.2.6 Is-Sinku qal li kien irċieva talba għal mera Triq tal-Ajżar fejn il-garaxxijiet biex jaraw minn kien ġej minn naħa tal-Ħlantun. Il-Kunsill qabel.

Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla kien skużat mil-laqgħa minn 18:25 sa 18:28.

11.2.7 Is-Sindku qal li kien qed jissuġġerixxi li l-Kunsill jordna Temporary Bus Stops sabiex meta tkun magħluqa Zurrieq Road nitolbu lil Transport Malta sabiex jindikawlna fejn għandhom jeħlu sabiex ix-xufiera jkunu iggwidati. Il-Kunsill qabel.

11.2.8 Is-Sindku qal li l-Kunsill kien irċieva żewġ claims minħabba ħofra kbira li kien hemm fi Sqaq Karwija minn naha fejn hemm il-Medavia direzzjoni lejn Ta' Gawhar. Huwa spjega li l-individwi kienu għamlu l-claim li kien jinkludi r-rapport tal-pulizija, ritratti, u ricevuti tal-hsarat fl-istess żmien u li kien mar jikkonferma li veru kien hemm din il-hofra li imbaghad kienet ssewwiet. Qal ukoll li din it-triq taqa taht ir-responsabilita tal-Kunsill. Is-Sindku għadda r-rapport lill-Kunsilliera. Il-Kunsill ikkonsidra dawn it-talbiet u qabel li l-Kunsill għandu jħallas dawn id-danni.

Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker kien skużat mil-laqgħa bejn 18:33 u 18:36

11.3 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

11.3.1 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet li fl-opinjoni tagħha l-bandli kellu parti minnu mudlama. Il-Kunsill iddiskuta u qablu li wara l-laqgħa jmorru jiċċekkjaw jekk id-dlam kien qed jinħoloq minħabba l-floodlight li kien hemm maqtugħa.

11.3.2 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet li l-Fun Run ġewwa l-lokalita' ta' Ħal Safi kienet suċċess u rringrazzjat lil kulħadd tal-koordinazzjoni.

11.3.3 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet li nhar il-Ħadd 12 ta' Diċembru, 2021 kienet ser tiġi organizzata Clean Up fl-area tal-Ħlantun.

11.3.4 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet li nhar il-Ħadd 5 ta' Diċembru, 2021 kienet ser tiġi organizzata Scavenger Hunt għat-tfal.

11.3.5 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet li nhar is-Sibt 18 ta' Diċembru, 2021 ser ikun hawn *Father Christmas* idur mar-raħal.

11.3.6 Il-kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla spjegat rigward is-Seminar li kien ġie organizzat bl-isem ta' *Innovative Youths*. Il-Kunsilliera tat brief ta' dan is-seminar u spjegat kif kienet ser taħdem din l-inizjattiva sabiex tiżdied il-parteċipazzjoni taż-żagħżagħ.

11.3.7 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker qal li f'laqgħa preċidenti kien semma' l-vandaliżmu minn xi żagħżagħ fi Ġnien Dun Karm Vella. Huwa qal li kien qed jerġa' jsir il-vandaliżmu. Is-Sindku qal li għandna nerġgħu nkellmu lill-pulizija.

11.3.8 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker qal li l-Kunsill kien iddeċieda li nmexxu sabiex nagħmlu riġenerazzjoni tal-Ġnien Dun Karm Vella u staqsa fejn kien wasal dan il-proċess. Is-Sindku kkonferma li l-Kunsill kien qed jistenna risposta minn Parks Malta.

11.3.9 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker qal li l-Kunsill kien għamel laqgħa mal-Perit responsabbli bil-proposta li kienu saru mis-sotto kumitat u li kienu ġew approvati waqt il-laqgħa tal-Kunsill. Il-Kunsill iddiskuta u qabel fuq il-pjanti emendati.

11.3.10 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker qal li waqt il-ftuħ taċ-Ċentru tad-Dimentia l-isem ta' Dun Karm Lia ma ssema' mkien u staqsa jekk kinux ħa jeħlu aktar tabelli mar-raħal. Is-Sindku kkonferma li l-plakka bl-isem ta' Dun Karm Lia kienet għadha sa teħel u t-tabelli kienu saru kollha.

11.3.11 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla staqsiet rigward is-soft areas fi Triq il-Kuċċard. Is-Sindku spjega li din ż-żona ma kinitx iddaħlet fit-tender il-ġdid minn naħa ta' Ambjent Malta u spjega li minħabba f'hekk il-Kunsill kien tefa' applikazzjoni taħt skema maħruġa mill-ERA sabiex nippruvaw nieħdu fondi għal din iz-zona.

11.3.12 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker staqsa jekk il-kunsilliera kinux raw il-ħajt imwaqqa' fejn il-post tan-nar. Is-Sindku kkonferma li kien kellem lis-sid tal-għalqa minħabba l-periklu li seta' jinħoloq għas-sewwieqa.

11.3.13 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal li fl-istess post fejn waqa' l-ħajt tas-sejjieħ fejn il-post tan-nar il-Kunsill kien qabel li jweħħel żewġ tabelli *SLOW* li kienu għadhom ma sarux u qal ukoll li lanqas il-mera fi Triq tal-Ajżar ma kienet twaħħlet.

11.3.14 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal l-kunsilliera kellhom jidentifikaw siġar li kellhom il-bżonn li jinżabru. Huwa qal li l-uniku siġar li kellhom bżonn jinżabru kienu żewġ siġriet f'Misraħ Ħlantun u oħra fejn Triq ta' Rqajja.

11.3.15 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa kif kienu ser jitnaddfu l-ispralli fit-toroq tar-raba' li saru biex jintlew il-bjar. Is-Sindku kkkonferma li dan ma kienx fil-kompitu tal-Kunsill sakemm ma jkunx hemm xi periklu.

11.3.16 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla fakkar fil-bozza maqtugħa fi Ġnien Dun Karm Vella li l-bins fejn ta'Amparell ma kinux qed jitbattlu.

11.4 Approvazzjoni Ħatra Clerk Skema CIES

Is-Sindku għarraf lill-Kunsill li għal din is-sejħa l-Kunsill kien irċieva applikazzjoni waħda biss. Kienet saret l-intervista lill-persuna li kien applika u li l-bord tal-intervisti deherlu li l-Kunsill għandu jagħti ċ-ċans għal dan l-impjieg. Is-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill japprova l-ħatra tal-Clerk taħt l-iskema CIES. Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla ssekondah. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.5 Sistema ta' Permessi Online

Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li l-Kunsilli kollha kienu ser jibdew jirċievu l-permessi *online* u minħabba f'hekk kien jinħtieġ li jinfetaħ *Merchant Account* sabiex isir it-trasferiment tal-flus fl-accounts tal-Kunsill. Il-Kunsill approva unanimament.

11.6 Korrispoindenza

Il-Kunsill iddiskuta xi korrispondenza.

10.9 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

Il-pagamenti ġew diskussi u approvati unanimament.

10.10 **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-Laqgħa ntemmet fis-9.00pm. Laqgħa li jmiss ser tkun nhar il-Ġimgħa 17 ta' Diċembru, 2021, fil-5.00pm.

Iffirmati

Johan Mula
Sindku

Iffirmati

Doris Baldacchino
Segretarju Eżekuttiv